**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Camilleri)**

**vs**

**Christian Axel Koenen**

**Illum 4 ta' April 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 2026/2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christian Axel Koenen, detentur tal-passaport mahrug mill-Germanja bin-numru CF94ZVLW6, billi huwa akkuzat talli fit-03/04/2023, għall-ħabta tas-19:15hrs, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u/jew f'postijiet oħra ġewwa dawn il-gzejjer, naqas milli jiddikjara lill-Kummissarju tat-Taxxi li huwa kien qiegħed iġorr miegħu s-somma ekwivalenti għal €10,000 jew iżjed fi flus, liema somma kienet taqbeż din iċ-ċifra b' €30,240 filwaqt li huwa kien dieħel Malta mill-Ġermanja, bi ksur ta' Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitlu 233 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Roberto Montaldo li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu kif registrata fis-seduta datata llum 4 ta' April 2023.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:-**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement ippruvata, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati taghha.

Il-Qorti rat ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li tinsab ezebita fl-atti tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hija wahda netta u li skuza ruhu li bi zvista qabez l-ammont permissibbli bi ftit.

Il-Qorti rat li l-imputat ikkopera b'mod shih mal-pulizija u ammetta ghall-imputazzjoni fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri u cioe' fl-ewwel opportunita' mghotija lilu

B'referenza ghall-imputazzjoni l-Qorti tosserva illi l-imputat gie akkuzat li "naqas milli jiddikjara" li kellu flus in eccess ta' €10,000.

Il-ligi hi wahda pubblikata u pubblicizzata u japplika bis-shih il-principju *ignorantia juris neminem excusat*. Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[1]:

> **"It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it .... This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification .... Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners."**

Il-Qorti semghet li l-imputat seta ma kienx a konoxxenza tal-projbizzjoni in kwistjoni, izda anke jekk verament l-imputat ma kienx jaf bl-obbligu

---

[1] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

impost fuqu mil-ligi kemm-il darba jkun diehel Malta b'aktar minn €10,000, il-ligi hi dik li hi u *dura lex sed lex*.

**DECIDE:**

Ghalhekk il-Qorti wara li rat Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitlu 233 tal-Ligijiet ta' Malta). qieghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' sittax-il elf u sitt mija u tnejn u tmenin ewro (€16,682)[2].

-------------------------
**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

-------------------------
**Ylenia Spiteri**
**Deputat Registratur**

[2] Din inhadmet billi saret kompjutazzjoni ta' 55% X €30,240 + €50 = €16,682